MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 197/2003

**Anton Zarb**

**vs**

**Penza Tarmac Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u disgha u disghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM4,099.51,0), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' *cast iron products* mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta mill-attur fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghax legali dekoribbli mid-19 ta’ Settembru tas-sena 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta rapprezentanti ta’ liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta’ April tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-attur u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------